MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2012

Appell Civili Numru. 44/2011

**Noel Mario Farrugia u b' digriet tad-19 ta' Jannar 2012 l-atti gew trasfuzi f'isem Maria Concetta Farrugia, armla ta' Carmel Farrugia, Marcelline Micallef, armla ta' Peter Paul Micallef, u Tiberia Farrugia, armla ta' Raymond Farrugia, kemm f'isimha proprju kif ukoll ghan-nom ta' uliedha minuri, Luca Farrugia u Maria Farrugia *stante* l l-mewt ta' Noel Mario Farrugia**

**vs**

**L-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ir-rikors ta'l-appell tal-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar datat 10 ta' Ottubru 2011 a fol. 1 tal-process fejn espona:-

Illi permezz ta’ appell imressaq quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar nhar it-13 ta’ Settembru 2006, Noel Mario Farrugia appella mill-kundizzjoni numru 14 tal-permess li nhariglu mill-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp b’ittra datata 18 ta’ Awwissu 2006 b’liema permess il-Kummissjoni approvat l-izvilupp mitlub mill-appellant bl-applikazzjoni numru PA6387/05 maghmula mill-appellant lill-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar ghar-rikostruzzjoni ta’ kamra tan-nar u regolarizzar ta’ kmamar ezistenti u hajt fis-sit Raba’, Ta’ Abdilla, Ghawdex.

Illi l-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar ipprezentat ir-risposta taghha nhar is-26 ta’ Marzu 2007.

Illi permezz ta’ sentenza moghtija nhar it-22 ta’ Settembru 2011, il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar iddecieda l-appell fl-ismijiet hawn fuq premessi bil-mod segwenti:

*“Ghalhekk dan il-Bord jidhirlu li l-imposizzjoni tal-kundizzjoni numru 14 hija ingustifikata u irragjonevoli u ghandha titnehha mill-permess.*

*Ghaldaqstant, dan il-Bord qed jilqa’ l-appell tal-appellant u qed ivarja il-permess mahrug lill-appellant u notifikat lilu mill-Awtorita’ bl-ittra taghha tat-18 ta’ Awwissu 2006 billi jikkancella l-kundizzjoni numerata ‘14’ u jikkonferma l-istess permess ghall-kumplament, u ghal kull buon fini qed jordna lis-Segretarja tal-Kummissjoni tal-Ambjent u Ippjanar biex terga’ tohrog il-permess lill-Appellant bil-kundizzjoni numru ‘14’ kancellata.”*

Illi l-Awtorita’ intimata, illum appellanta, hassitha aggravata b’din is-sentenza u ghalhekk qed tinterponi dan l-umli appell.

Illi l-aggravju tal-Awtorita’ appellanta huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Illi kif jinghad fis-sentenza appellata, il-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp approvat l-izvilupp mitlub mill-appellant bl-applikazzjoni numru PA6387/05 ghar-rikostruzzjoni ta’ kamra tan-nar u regolarizzar ta’ kmamar

ezistenti u hajt fis-sit Raba', Ta' Abdilla, Ghawdex b'ittra datata 18 ta' Awwissu 2006.

Illi l-appell tal-appellant Noel Mario Farrugia quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar kien biss fir-rigward ta' kundizzjoni wahda biss u cioe' dik numru '14'.

Illi fil-mori tal-appell quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar, l-appellant Noel Mario Farrugia esegwixxa l-izvilupp *ai termini* tal-permess mahrug fit-18 ta' Awwissu 2006, tant illi l-kmamar tan-nar kienu qed jintuzaw.

Illi fil-mori tal-appell quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar, ma saret l-ebda applikazzjoni ghat-tigdid tal-permess imsemmi mahrug fit-18 ta' Awwissu 2006 u kwindi dan il-permess skada hames snin wara fit-18 ta' Awwissu 2011.

Illi ghalhekk, il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar zbalja u agixxa *ultra vires* meta ordna lis-Segretarja tal-Kummissjoni tal-Ambjent u Ippjanar biex terga' tohrog il-permess lill-Appellant bil-kundizzjoni numru "14" kancellata ghaliex b'hekk il-permess li effettivament gia skada ser jerga' jinhareg mill-gdid b'effett ghal hames snin ohra mid-data tal-hrug. Illi *se mai*, kull ma kellu jaghmel il-Bord, gialadarba qabel mar-ragunijiet migjuba mill-appellant Noel Mario Farrugia sabiex tigi kkancellata l-kundizzjoni numru "14" kien fil-fatt li jikkancella dik il-kundizzjoni mill-permess mahrug fit-18 ta' Awwissu 2006 u mhux li jordna l-hrug tal-permess mill-gdid.

Ghaldaqstant, l-Awtorita' appellanta, filwaqt li taghmel referenza ghall-provi kollha gia prodotti quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar u filwaqt li tirrizerva d-dritt li jressaq dawk il-provi kollha lilha permessi skont il-ligi, titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza moghtija mill-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar nhar it-22 ta' Settembru 2011 fl-ismijiet *Noel Mario Farrugia vs L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar* fuq riferita, bl-ispejjez kontra l-appellat.

Rat id-dokument anness mar-rikors tal-appell tal-Awtorita` ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar a fol 4. tal-process konsistenti fis-sentenza appellate.

Rat li din l-appell gie appuntat ghas-smigh ghas-seduta tad-19 ta’ Jannar 2012.

Rat in-nota tas-Segretarju tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar datata 20 ta’ Jannar 2012 a fol 15 tal-process, fejn permezz taghha esebixxa kopja awtentikata tal-file tal-Bord tal-Appell fl-ismijiet **“Noel Mario Farrugia vs L-Awtorita` ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar”** deciz mill-istess Bord.

Rat ir-risposta tal-appell ta’ Maria Concetta Farrugia, armla ta’ Carmel Farrugia (267047M), ta’ Marcelline Micallef, armla ta’ Peter Paul Micallef (17875M) u ta’ Tiberia Farrugia, armla ta’ Raymond Farrugia, kemm f’isimha propju kif ukoll ghan nom ta’ uliedha minuri, Luca Farrugia u Maria Farrugia, datata 28 ta’ Ottubru 2011 a fol 9 tal-process fejn eccepew: -

Illi fil-mori tas-smigh ta’ dan l-appell, meta l-kaz kien diga` diferit ghas-sentenza, miet l-applikant Noel Mario Farrugia fil-hamsa (5) ta’ Settembru tas-sena elfejn u ghaxra (2010) u l-esponenti huma llum l-eredi legittimi tieghu li qieghdin jirrispondu ghal dan l-appell. Quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar, ma saritx talba ghal trasfuzjoni tal-gudizzju *stante* illi l-kaz kien diga` gie diferit ghas-sentenza. Ghalhekk fl-ewwel lok, permezz tal-prezenti qieghed jintalab it-trazfuzjoni tal-gudizzju f’isem l-esponenti.

Illi **fl-ewwel lok** jigi osservat illi dan huwa appell minn sentenza deciza mill-Bord tal-Appell dwar l-ippjanar u *quindi* regolata mill-**Kapitolu tliet mija u sitta u hamsin (356) tal-Ligjiet ta’ Malta**. U ghandu jinzamm car illi dan ma huwiex wiehed minn dawk l-appelli regolati mill-**Kapitolu hames mija u erbgha (504) tal-Ligjiet ta’ Malta**. Fil-fatt is-sentenza appellata hija moghtija minn bord kostitwit taht il-**Kap 356 tal-Ligjiet ta’ Malta** u *ai termini* ta’ l-istess ligi.

In segwitu ta' dan jigi rilevat illi dan l-appell huwa irritu u null peress illi *fuori termine*. Il-**Kap 356 tal-Ligijiet ta' Malta, fl-artikolu 15, subinciz 10** tipprovdi illi appelli mill-bord ghandhom isiru *entro* t-terminu ta' hmistax-il jum mid-data ta' dik id-decizzjoni.

Illi d-decizjoni odjerna inghatat fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru tas-sena elfejn u hdax (2011). Dan l-appell gie intavolat fl-ghaxra (10) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hdax (2011) u *quindi* wara li kienu ghaddew il-hmistax-il jum stipulati mil-ligi. L-ahhar jum li fih seta` jigi intavolat dan l-appell kien nhar il-Gimgha, sebgha (7) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hdax (2011). Konsegwentament din il-Qorti hija umilment mitluba sabiex tirrigetta dan l-Appell peress illi prezentat *fuori termine*.

Ilil **fit-tieni lok** u minghajr pregudizzju ghas-suespost, *ai termini* tal-**artikolu 15, sub inciz 2**, tal-appell mid-decizzjonijiet tal-bord ghandu jkun ***"biss** dwar punti ta' ligi decizi mill-bord fid-decizzjoni tieghu"'.* Dak li qieghda tappella dwaru l-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar ma huwiex punt ta' ligi li gie deciz f'dik is-sentenza. Qieghda tappella minn dak li gie dispost fis-sentenza fejn wara illi l-bord ma qabilx ma' dak li gie deciz mill-awtorita`, ordna l-hrug ta' permess gdid bil-kundizzjoni numru erbatax (14) ikkancellata. Dan huwa r-rimedju illi ta l-bord lill-appellant. U ma huwiex punt ta' ligi illi gie deciz fl-istes sentenza kif titlob il-ligi. Imkien fit-trattazzjoni ta' dan il-kaz ma saret xi sottomissjoni mill-awtorita` (li mbaghad kien ikollha tigi trattata u deciza fis-sentenza) li jekk imbaghad il-bord jilqa' l-appell tal-applikant kellu jagixxi b'xi mod iehor ghajr mill-mod kif agixxa meta ta r-rimedju provdut fid-dispost tas-sentenza. Ir-rimedju illi ta fid-*decide* tieghu l-Bord tal-Appell, wiehed jista' jaqbel jew ma jaqbilx mieghu. Izda ma huwiex punt ta' ligi li gie **deciz fl-istess sentenza,** kif titlob il-ligi.

Illi **fit-tielet lok** fil-meritu u minghajr pregudizzju ghas-su espost, l-appell tal-awtorita huwa wkoll wiehed infondat. Fl-ewwel lok jigi precizat illi galadarba kien hemm appell ghal riforma ta' dak il-permess fis-sens illi kienet qed

tintalab varjazzjoni ta' wahda mill-kundizzjonijiet tal-permess, ifisser illi dak il-permess kien ghadu *sub iudice* u kien ghadu ma giex deciz definittivament.

Illi ghalhekk l-argument illi l-permess skada wara hames snin cioe` fit-tmintax (18) ta' Awwissu tas-sena elfejn u hdax (2011) huwa argument monk *stante* illi ma setax jinghad illi l-permess kien ghadu deciz finalment. Dan peress illi kif diga` inghad il-permess hareg *sub conditionem* u l-appellant deherlu li kellu jappella minn dik il-kundizzjoni. Dak il-permess ma jista' qatt jinghad illi gie deciz definittivament qabel ma' kien hemm id-decizjoni ta' l-appell. Dan similment ghal sentenza tal-Qorti illi anke jekk l-appell ikun biss ghal riforma taghha, ma jistax jinghad illi hemm gudikat bejn il-partijiet qabel ma' jigi deciz dak l-istess appell.

Gie argumentat illi Noel Mario Farrugia kien diga` ezegwixxa l-izvilupp *ai termini* tal-permess mahrug fit-tmintax (18) ta' Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006). Izda dan huwa totalment skorrett ghaliex il-fatt illi l-applikant bena parti mill-kostituzzjoni msemmija fl-izvilupp qabel ma' inhareg il-permess definittiv u fil-mori tal-appell, bl-ebda mod ma jfisser illi dak il-permess allura sar definittiv u kwindi seta' jintuza. Dan ghaliex fl-ewwel lok bini li kien ezistenti qabel splodiet il-kamra tan-nar ma kienx il-bini kollu msemmi fil-permess u *oltre* minn dan jekk l-awtorita` ippermettiet il-bini msemmi fil-permess meta kien ghad hemm pendenti appel dwar il-kundizzjoni serja u partikolari, kien nuqqas kbir tal-awtorita` ghaliex ma kellha qatt tippermetti illi jibda x-xoghol tal-bini qabel ma' il-permess isir wiehed definittiv wara d-decizzjoni tal-appell.

Illi d-decizzjoni tal-Bord tal-Appell mhux biss hija wahda korretta izda l-istess Bord ma kellu l-ebda alternattiva ohra x'jaghmel ghajr meta bhal mas-soltu jigri meta jsir appell biss minn kundizzjoni jew minn parti minn applikazzjoni jew permess mahrug u li jordna li dak il-permess jerga' jinhareg wara li titnehha dik il-parti li giet appellata jew wara li tizdied xi kundizzjoni li joghgbu jinponi l-Bord. Galadarba l-Bord varja dak il-permess, il-Bord li ma

johrogx il-permessi hu, ma kellu l-ebda alternattiva ohra ghajr li jordna l-hrug ta l-istess permess mill-gdid minghajr dik il-kundizzjoni illi hu qabel li ghandha titnehha.

Ghaldaqstant *in vista* tas-suespost, l-esponenti umilment jitlob lill din l-Onorabbli Qorti sabiex tirrigetta l-appell interpost mill-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, fl-ewwel lok ghaliex hu *fuori termine* u minghajr pregudizzju ghal dan, dan l-appell ma jistax jirnexxi ghal ragunijiet l-ohra migjuba f'din ir-risposta. Dan bl-ispejjes kollha kontra l-Awtorita`.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fid-19 ta' Jannar 2012 fejn dehru Dr. Lesley Cuschieri ghall-appellati u Dr. Ian Vella Galea ghall-Awtorita' appellanti. Il-Qorti ordnat it-trasfuzzjoni tal-gudizzju f'isem l-appellati li pprezentaw ir-risposta tal-appell stante l-mewt ta' l-appellat Noel Mario Farrugia. Id-difensuri trattaw il-kaz u l-appell thalla ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghall-31 ta' Jannar 2012; u l-verbal tal-31 ta' Jannar 2012 fejn il-kawza giet differita ghat-2 ta' Frar 2012 ghall-istess skop tal-verbal precedenti; u tat-2 Frar 2012 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-7 ta' Frar 2012.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi f'din il-kawza l-ewwel eccezzjoni ghall-appell imressaq mill-Awtorita' huwa dak fis-sens li l-appell sar *fuori termine* ghaliex fil-waqt li d-decizjoni appellata inghatat fit-22 ta' 2011, ir-rikors tal-appell gie intavolat fl-10 ta' Ottubru 2011 b'dan li sar wara li skada t-terminu ta' hmistax (15) il-jum stipulati mill-**artikolu 15 (10) tal-Kap. 356.** Dan ifisser li l-ahhar jum li fih seta` jigi intavolat dan l-appell kien nhar il-Gimgha, 7 ta' Ottubru 2011, meta r-rikors tal-appell jidher li gie prezentat fl-10 ta' Ottubru 2011.

Illi fil-fatt dan jirrizulta li huwa minnu u hawn issir riferenza ghall-**artikolu 30 tal-Att VIII tal-2007** li rega' stabilixxa t-

terminu meta setgha jsir appell quddiem din il-Qorti u dan b'emenda ghall **artikolu 15 (10) tal-Kap. 356**.

Illi jirrizulta li din l-emenda ghall-istess **Kap. 356** dahlet fis-sehh bl-**artikolu 30 tal-Att VIII tal-2007** u fil-fatt mill-istess ligi jidher li din hija l-annotazzjoni li hemm fl-imsemmi **Kap. 356,** b'mod li jidher li din l-emenda giet inkorporata fl-istess ligi. Fil-fatt bis-sahha moghtija skond l-**artikolu 1 (2)** tal-imsemmi **Att VIII tat-2007,** bl-**Avviz Legali 197 tal-2007** giet stabilita d-data tat-27 ta' Lulju 2007 meta l-istess artikolu 30 msemmi dahal fis-sehh.

Illi tenut kont li d-decizjoni tal-Bord hija datata 22 ta' Settembru 2011 mentri dan l-appell sar fl-10 ta' Ottubru 2011, ma' hemmx dubju li l-appell sar *fouri termine* u cjoe' wara li skada t-terminu indikat fl-**artikolu 52 (10) tal-Kap. 356,** liema terminu huwa perentorju skond kif ritenut **korrettement** fis-sentenza tal-Onorabbli Qorti ta' l-appell tal-14 ta' Gunju 1999 fil-kawza fl-ismijiet **"Joseph Oliver Ruggier vs Awtorita`' ta' l-Ippjanar"** u dik fid-decizjonijiet fl-ismijiet **"Harry Calleja et vs. L-Awtorita' ta' l-Ippjanar"** (A.I.C. (RCP) 27 ta' Ottubru 2003), fl-ismijiet **"Noel Attard vs L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** (A.I.C. (RCP) 25 ta' Marzu 2010) . Ghalhekk l-appell qed jigi michud u l-ewwel eccezzjoni tal-appellat qed tigi accetta.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni ta' l-appellat kontenuta fir-risposta tieghu tat-28 ta' Ottubru 2011, **tichad l-appell interpost mill-Awtorita' appellanti** fir-rikors ta' l-appell taghha, datat 10 ta' Ottubru 2011 u tikkonferma d-decizjoni appellata tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar tal-22 ta' Settembru 2011 fl-ismijiet **"Noel Mario Farrugia vs Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar".**

Bl-ispejjez kollha kontra l-appellanti u r-rikorrenti l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------